MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 363/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Yvonne Farrugia)**
**Vs**
**Arnold Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Awissu 2001 u Dicembru 2001, f'dawn il-Gzejjer approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija w digha w ghoxrin Euro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Michael Baldacchino, liema soma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 t’Ottubru, 2009, li biha ddecidiet billi ma sabet lill-appellat mhux hati u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li ngabu u tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami ;
2. Illi allavolja huwa minnu li kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex il-flus jigi rifuz lill-kwerelant mill-appellat (ara folio 28 tal-process) liema ftehim kien gie segwit minn ftehim iehor sussegwenti tal-istess natura u skop fis-sena 2008 (ara folio 31 sa 32 tal-process), legalment ma jistax jinghad illi l-azzjoni kriminali giet estinta u giet sostitwita minn wahda civili ;
3. Illi galadarba dak li kien dovut minnu lil Mifsud kien gie, bi ftehim liberu bejn il-partijiet, ridott ghal semplici dejn u kreditu civili/kummercjali, Mifsud ma setax jitlob, permezz ta’ kwerela, li jittiehdu l-passi kontra tieghu. Fi kliem iehor l-appellant qed jippretendi li kien hemm xi forma ta’ rinunzja implicita jew tacita da parti ta’ Mifsud ghall-proceduri penali. Dana l-aggravju kien ikollu xi validita’ u kien jigi ezaminat bir-reqqa minn din il-Qorti li kieku r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kienu reati li jinhtiegu l-kwerela tal-parti offiza. Pero’ dan mhuwiex il-kaz. Ir-reat ta’ truffa (Art 308, Kap. 9) kif ukoll ir-reat minuri ta’ frodi innominata (Art. 309) huma dejjem prosegwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva. Huwa veru li r-reat ta’ approprjazzjoni indebita (Art. 293) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero’

fil-kaz in dizamina qed jigi ipotizzat ukoll l-aggravju kontemplat fl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli ex officio.  Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkunsidrat :

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-
L-appellat dahal f'relazzjoni kummercjali ma' Michael Baldacchino sabiex l-appellat jipprovdi sistema ta' IT fir-restaurant ta' Baldacchino maghruf bl-isem ta' Duncan Restaurant.
Fit-28 t'Awwissu 2001 Baldacchino hareg cheque ta' LM1725 f'isem l-appellat sabiex jipprovdilhu l-apparat kif kien miftiehem.  Ic-cheque issarraf fl-1 ta' Settembru, 2001 u l-appellat zamm ghalih dak l-ammont illi deherlu illi kienu l-profitti tieghu, pero' ma qalx x'ghamel bil-bqija tal-flus.  Irrizulta biss illi ghal tlett snin shah Baldacchino baqa' jigri wara l-appellat sabiex jipprovdi s-servizz illi kien ikkuntratta mieghu, izda l-appellat ma ghamel xejn.  Meta Baldacchino irtira mil-ftiehem u talab il-flus lura l-appellat baqa' inadempjenti izda mbaghad hallas pagament ta' LM100 wara ftiehem illi l-ammonti kellhom jithallsu lura pagamenti mensili.  Dan il-ftiehem ma giex onorat minn naha tal-appellat, tant illi sar ftiehem iehor fis-sena 2008 (ara fol. 31 u 32 tal-process).

F'dan l-istadju huwa mmaterjali jekk l-appellat qaghadx ghal dan il-ftiehem jew le. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-reat gie kkunsmat ferm qabel u ma tistax taqbel ma' l-argument tal-appellat illi kien hemm biss relazzjoni kummercjali u ma kienx hemm kwistjonijiet penali x'jigu konsidrati minn din il-Qorti, peress illi l-elementi ta' appropriazzjoni indebita ma jissustux f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Illi l-element materjali tad-delitt javvera ruhu huwa meta l-haga li tkun fdata jew ikkunsinjata taht titolu specifiku, tigi konvertita fi profitt kemm ghall-persuna in kwistjoni jew ghal terzi.  L-appellat ircieva l-flus b'mod legittimu ghall-

skop specifiku u cioe' illi jipprovdi servizz lil Baldacchino, izda dan is-servizz ma giex ipprovdut u proprju jumejn wara illi gie moghti l-flus l-appellat sarraf ic-cheque w ikkonverta l-flus fi proprjeta' tieghu.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal gurista Maino fi trattat tieghu "Commento al Codice Penale Italiano" Vol. IV para. 1951 fejn jghid :
*"La conversione e' indubitamente perfetta, e consumato il reato, quando la l'apropriazione sia stata compiuta mediante vendita, consumazione o pegno della cosa altrui, o, in altri termini, mediante uso in debito o consumazione in proprio vantaggio.*
*Trattandosi di somme di denaro, l'accertamento della conversione puo presentare in pratica qualche difficolta'; la negata restituzione – anche indipendentemente di una legale costituzione in mora – e certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongono in essere tali atti che dimostrano la intenzione di appropriarsi di cosa altrui – come l'impegno della somma di uso proprio o il suo nascondimento al scopo di sottrarla al propretario."*

Ma hemmx dubju illi f'dan il-kaz l-appellat zamm il-flus ghalih u rrifjuta illi jghaddihom lura lill-legittimu proprjetarju ghal zmien twil. Kien biss wara erba' snin illi saru l-ewwel tentattivi ta' restituzjoni w kellhom jghaddu erba' snin ohra biex sar forma ta' ftiehim bil-miktub. F'din is-sitwazzjoni kien hemm *"negata restituzione"* li skond il-Maino *"e' una forma di consumazione"*. Izda jghid ukoll illi din il-konsumazjoni tista' ssir anki qabel meta il-flus jigu uzati *"in uso proprio o il suo nascontimento al scopo di sotrarla al propretario"*.

Il-Qorti jidhirla illi l-mument illi l-appellat sarraf ic-cheque w zamm il-flus ghalih minghajr ma uzhom ghall-iskop tal-ftiehim patwiet, avverat il-konverzjoni tal-oggett *"in uso proprio".*

Dan il-kaz hu differenti mill-kaz "Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole (23.12.2003). F'dan il-kaz ma kienx hemm il-konversjoni tal-flejjes u l-anqas ma kien hemm l-intenzjoni

jew id-dolo li ssir xi haga llegali, u fl-ebda mument ma kien hemm “negata restituzzione”. Kien hemm biss tardjar li jsiru kunteggi mehtiega li fi kliem il-Carrara *“....l’eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita’ contrattuale ......”* F’dan il-kaz pero’, l-appellant mar ferm oltre, sarraf ic-cheque, zamm il-profitti bhal li kieku dawn kienu diga tieghu qabel ma ta s-servizz miftiehem u uza l-flus bhala proprietarju assolut meta ma kellhux dritt jaghmel hekk. Bhal li kieku dan mhux bizzejjed, meta gie mitlub ir-rifusjoni, l-appellant xorta zamm il-flus ghalih, innega r-restituzzjoni u b’hekk dawwar bi profitt ghalih dak li ma kellu l-ebda dritt idawwar.

Jekk l-appellat ghamilx profitt effettiv jew le minn dan l-uzu hija immaterjali.

Ikkunsidrat :

Il-paragrafu 1952 tat-trattat fuq imsemmi, l-Maino jkompli jghid :
*“per parita’ di ragione, nella appropriazione indebita come nella truffa non si richiede l’effettiva locupletazione del colpevole: il reato e’ perfetto colla converzione della cosa altrui in profitto proprio o di un terzo, indipindentement dell’effettivo ricavo della converzione.”*

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-agir tal-appellat meta zamm il-flus ghalih ghal snin shah, minghajr ma wettaq dak li gie patwiet bejnu u bejn Baldacchino, juri bic-car illi kellu l-intenzjoni illi approprija ruhu mill-flus ta’ haddiehor, u dan, abbinat mall-element materjali, meta kkonverta l-flus bi profitt ghalih jissodisfa l-elementi kollha rikjesti ghar-reat ta’ appropriazjoni indebita.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mall-ewwel decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fejn illiberat lill-appellat u jidhrilha illi l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-5 t’Ottubru, 2009 u, wara li rat l-artikolu

293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w, wara li rat li dana huwa l-ewwel reat tieghu, tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur b’dana illi, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mill-lum

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------